V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8556 — Carlyle/GTCR/Albany Molecular Research)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 240/07)

1. Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha The Carlyle Group ("Carlyle", l-Istati Uniti tal-Amerka) u GTCR LLC ("GTCR", l-Istati Uniti tal-Amerka) jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Albany Molecular Research, Inc. ("AMRI", l-Istati Uniti tal-Amerka) permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Carlyle: Carlyle huwa maniġer dinji tal-assi alternattivi, li jiġġestixxi fondi li jinvestu globalment f'erba' dixxiplini ta' investiment: l-ekwità privata korporattiva; assi reali; l-istrateġiji tas-suq dinji; u soluzzjonijiet.

— għal GTCR: ditta ta' ekwità privata stabbilita biex tiffoka f'li tinvesti fit-tkabbir għall-kumpaniji ta' servizzi finanzjarji u tat-teknoloġija, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġija, il-midja u t-telekommunikazzjoni u t-tkabbir tal-industriji tas-servizzi tan-negozju.

— għal AMRI: organizzazzjoni dinjija tar-riċerka kuntrattwali u l-manifattura li tipprovdi lill-klijenti servizzi integrati ta' skoperta, żvilupp u manifattura tal-mediċini.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8556 — Carlyle/GTCR/Albany Molecular Research, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.